# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DEĊIŻJONI NRU. 2639

Każ Nru : 3519/FM

Fil-Kwistjoni ta' Xogħol

bejn

Olusegun Jacob Akanji

u

Eden Hospitality Limited

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

Data: 4 ta' Diċembru 2019

**Chairman: Franco Masini**

**1. Introduzzjoni**

Dan il-każ ġie intavolat fis-16 ta' Diċembru, 2016 mill-Avv. Andrew Grima f'isem Olusegun Jacob Akanji fejn ġie allegat li dan kien ġie liċenzjat illegalment minn mas-Soċjetà Intimata Eden Hospitality Limited fis-17 ta' Lulju 2016. Huwa kien assistit l-ewwel mill-Avv. Andrew Grima u iktar tard mill-Avv. Victor Scerri. Is-Soċjetà Intimata, li kienet rappreżentata minn Adrian Mamo assistit mill-Avv. Robert Abela u l-Avv. Ryan Pace, tinnega dan. Inżammu erbatax-il seduta. Ai termini tal-Artikolu 78(1) tal-Kap 452 irid jingħad li minħabba in-numru ta' seduti ma kienx possibbli li l-każ jinstama' u jinqata' fi żmien xahar kif preskritt fl-istess Kap.

**2. Fatti tal-Każ**

Ir-Rikorrent jirritjeni li huwa ġie liċenzjat minħabba allegazzjoni ta' insubordinazzjoni, attitudini ħażina fuq il-post tax-xogħol u raġunijiet simili. Ir-Rikorrent jgħid li numru ta' allegati nuqqasijiet li kien addebitat bihom tfaċċaw minn meta kellu xi nċident personali mas-superjur dirett tiegħu Jide Jetson iżda barra minn fuq ix-xogħol. Is-Soċjetà Intimata tghid illi r-Rikorrent kien ħati ta' numru ta' nuqqasijiet u għad li kien imwissi diversi drabi ma tax każ u hekk l-impieg tiegħu safa' mhux tenibbli. Ġew intavolati diversi dokumenti, inkluż *pen drive* u ittellgħu diversi xhieda.

## **3. Konsiderazzjonijiet**

Ir-Rikorrent ġie mixli b'diversi nuqqasijiet li allegatament ġraw fl-aħħar żmien tal-impieg tiegħu bħala *Security Officer* fl-Intercontinental Hotel. It-Tribunal eżamina in-nuqqasijiet li ġie addebitat bihom ir-Rikorrent. Dawn jinkludu li naqas li jobdi l-istruzzjonijiet tal-*Manager* Bebera fil-11 u s-16 ta'Novembru 2016, li abbanduna id-doveri teighu u dam siegħa fuq it-telefon ċellulari fl-14 ta' Ottubru 2016, li uża l-*laptop* tiegħu waqt li qagħad abbużivament fuq skrivanijja tal-*Guest Relations* kontra l-*policies* u proċeduri tal-lukanda u li ġieli rrapporta għax-xogħol tard. Ir-Rikorrent offra spjegazzjonijiet għal dawn in nuqqasijiet. Ir-Rikorrent jirritjeni li ħafna mill-akkużi kontrih saru wara li kellu inċident mas-superjur dirett tiegħu Jide Jetson. Dana kien imexxi xi knisja li r-Rikorrent kien membru tagħha. Jgħid li kien hemm l-użu li jikkontribwixxi għaxra fil-mija tal-qliegħ tiegħu lil din il-knisja immexxija minn Jide Jetson. Wara xi żmien huwa waqaf iħallas dawn id-diećmi għaliex xi ħadd infurmah li dawn ma kienux dovuti fit-Testment il-Ġdid. Jetson ħadha bi kbira, iktar u iktar wara li sar jaf li r-Rikorrent kien tkellem dwar dan ma' persuni oħra. Jgħid li dan Jetson imbagħad iddeċida li jpattijielu fuq ix-xogħol. Minn dak iż-żmien bdew jitfaċċaw l-akkużi li ġie mixli bihom li eventwalment servew biex jiġi liċenżjat. Fid-dawl ta' dan it-Tribunal fela' iktar bir-reqqa l-akkużi biex jara jekk dawn kienux montatura kif allega r-Rikorrent. It-Tribunal ried jaċċerta ruħu li l-akkużi kellhom bażi u imbagħad jinkwadra kollox fuq sfond ta' l-allegat tilwim bejn ir-Rikorrent u Jetson. Ma hemmx dubju li l-allegati nuqqasijiet fil-fatt saru. Ir-Rikorrent ta l-ispjegazzjoni tiegħu. Dawn mhux dejjem kienu konvinċenti u jidher li straħ wisq fuq l-allegat azzjoni ta' Jetson għar-rigward tiegħu. In-nuqqas tar-Rikorrent li jobdi l-ordni li taħ il-*Manager* per eżempju ma oriġinawx minn Jetson iżda skond ir-Rikorrent dan ġara minħabba konflitt ta' ordnijiet mogħtija minn żewġ superjuri tiegħu. Għal dak li jirrigwarda r-rapport li daħal siegħa tard għax-xogħol dana forsi oriġina minn Jetson iżda r-Rikorrent jammettih u jgħid li ttardja peress li kien qed jieħu kors barra minn post tax-xogħol. Għall-inċident tal-*laptop* li lkien sostnut bi preżentazzjoni ta' ritratt jgħid li kellu l-permess. Jekk għal grazzja tal-argument wieħed jaċċetta li n-nuqqasijiet tar-Rikorrent ġraw minħabba l-attitudini negattiva ta' Jetson xorta jirriżulta li n-nuqqasijiet saru u ma hemmx provi li dawn in-nuqqasijiet ġew maħluqa apposta. Iżda l-akkuża l-iktar serja u li ma kellu x'jaqsam magħha xejn Jetson hija dik dwar in-nuqqasijiet serji fuq ix-xogħol tiegħu ta' *Security Officer* li huma s-suġġett tal-*pendrive* li hija kopja ta' filmjar mill-*cameras* tal-lukanda u tifforma parti mill-atti tal-każ u ġiet esibita mill-*General Manager* Van Kan fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2017. Dan ix-xhud jgħid li fl-14 ta' Ottubru 2016 kien qiegħed fir-ristorant li huwa fil-faċċata tal-lukanda sular ogħlha mid-dħul u osserva lir-Rikorrent li ma kienx fil-post assenjat għalih, dam kważi siegħa jitkellem bit-telefon ċellulari u iktar tard xi tnejn u għoxrin minuta oħra u ma kienx qed jaqdi d-dmirijiet tiegħu sewwa (fol. 4-6). Ir-Rikorrent jirritjeni li dakinhar it-tifla tiegħu kienet qed issofri minn attakk ta' ażżma u dan jispjega għaliex kien qed juża iċ-ċellulari tiegħu. Jgħid li f'xi ħin kien qed jitkellem ukoll mal-*base.* Jgħid ukoll li fejn kien fit-triq ta' quddiem il-lukanda seta' jikkontrolla aħjar. It-Tribunal huwa konvint illi n-nuqqasijiet kollha miġbura flimkien u tgħodd magħhom l-

inċident imsemmi mill-*General Manager* u konfermat mill-filmat preżentat, jikkostitwixxu *giusta causa* għal-liċenżjament tar-Rikorrent.

**4. Deċiżjoni**

It-Tribunal Industrijali isib li l-liċenżjament ta' Olesegun Jacob Akanji minn Eden Hospitality Limited sar għal raġuni tajba u suffiċjenti.

**5. Drittijiet**

Ai termini tal-Avviż Legali Nru 48 tal-1986 it-Tribunal jillikwida d-drittijiet dovuti lil min assista lill-partijiet fl-ammont ta' €93 kull wieħed.

B'hekk jintemm dan il-każ.

Iffirmat : Franco Masini

Chairman

Vera kopja

Mary Rose Galea

A/Segretarja